# Sittin Sena ilu ż-żmien ikrah tal-gwerra - 1943



Is-sena l-oħra tajt daqqa t'għajn ta' x'kien ġara f'Santa Venera fis-sena 1942. Din is-sena se naraw x'ġara f'Santa Venera fis-sena 1943. Kif rajna, wara l-wasla tal-konvoj fil-festa ta' Santa Maria 1942, Malta bdiet tistejqer, u issa biddlet l-istrateġija tagħha, fis-sens, illi minn fuq id-difiża qalbet għall-attakk. Però xorta waħda bqajna bil-bombi niżlin fuq rasna. Il-gwerra kienet għadha ma spiċċatx.

Fl-1943, twaqqgħet l-arkata ta' dak li sa dak iż-żmien kien magħruf ukoll bħala l-bieb tal-Fleur de Lys. Dan ġara meta "Crane" tal-militar, ipprova jgħaddi minn taħt l-arkata tan-nofs, laqatha u ġġarraf il-bieb kollu. Dnub li wara li spiċċat il-gwerra ma reġax intrama kif suppost kellu jsir. Dan il-bieb jew aħjar arkata, kien jagħmel parti mill-Akwadott, proġett li kien sar fi żmien il-Gran Mastru Alodf de Wignacourt. Dan il-Gran Mastru kien irnexxielu jniżżel l-ilma mill-inħawi tar-Rabat, għall-Belt Valletta, fis-1601/1605. Matul il-1943, ġew imġarrfa ukoll xi arkati ta' l-Akkwadott b'ħidma tal-għadu. Dawn l-arkati reġgħu nbnew mill-ġdid hekk kif spiċċat il-gwerra.

Fl-20 ta' Ġunju, 1943, waqt żjara Rjali f'Malta, ir-Re Ġorġ VI ta' l-Ingilterra, għadda bil-karozza minn Triq Irjali San Ġużepp f'Santa Venera, fi triqtu lejn il-Buskett. Fit-28 ta' Ġunju, 1943, il-Gvernatur ta' Malta Lord Gort, żar l-isptarijiet ta' Bugeja u ta' Ċini, it-tnejn fi Triq Irjali San Ġużepp f'Santa Venera.

F'laqgħat li kellu l-kapitlu Senglean li saru fid-dar ta' San Ġużepp f'Santa Venera, nhar id-19 ta' Jannar, 1943 u fis-26 ta' Lulju, 1943, kienet ittieħdet id-deċiżjoni li l-festa tal-Bambina ta' dik is-sena kellha ssir fl-Isla stess, fil-knisja ta' San Filippu. Dan reġà ġie kkonfermat f'laqgħa oħra tal-kapitlu Senglean li kienet saret fit-30 t'Awissu, 1943. Fit-13 t'Awissu, 1943, imut Patri Ġwanni Azzopardi O. Carm, l-ewwel Kappillan tal-parroċċa ta' Santa Venera (1918 - 1923). Kien twieled il-Mosta fit-12 ta' Ġunju, 1878. Aktar tard kien laħaq ukoll Provinċjal tal-Karmelitani. Huwa kien miet fil-kunvent tal-Balluta, fl-għomor ta' 65 sena. Fi żmienu kienet ġiet inawgurata u mbierka minnu stess l-vara ta' Santa Venera f'Lulju, 1919. Kienet inħadmet ġewwa Ħal Qormi minn Carmelo Mallia. Il-benefattur kien Tumas Dalli. Fl-1943 Patri Edward Vella O. Carm, li kien qed jaħdem fil-komunità ta' Santa

## Programm tal-Festa 2003



Venera, kiteb l-Innu Popolari ta' Santa Venera V.M. Patri Edward Vella ħadem fil-parroċċa ta' Santa Venera tul is-snin kollha tal-gwerra u anke wara li spiċċat il-gwerra. Huwa ħadem fil-parroċċa għal għaxar snin sħaħ bejn il-1940 u l-1950. Kien direttur spiritwali ta' l-Azzjoni Kattolika fil-parroċċa. Patri Edward Vella wara qatta' l-biċċa l-kbira ta' ħajtu fil-missjoni, fl-Amerika Latina. Għandna tifkira sabiħa tiegħu.

Fl-4 ta' Settembru, 1943, il-parroċċa ta' Santa Venera ċċelebrat l-ewwel 25 sena mit-twaqqif tal-parroċċa, fl-4 ta' Settembru, 1918 - b'sinjal ta' radd il-ħajr, il-Kappillan Patri Frans Zammit qaddes quddiesa solenni flimkien mal-Kommunità tal-parroċċa. Id-deċiżjoni li kienu ħadu tal-Kapitlu ta' l-Isla, f'San Ġużepp, Santa Venera, kienet qisha deċiżjoni profetika, għax propju fit-8 ta' Settembru, 1943, x'ħin il-vara tal-Bambina kienet għaddejja mix-xatt ta' l-Isla, l-Arċipriet Dun Emmanuel Brincat, kien ġie infurmat li propju f'dik il-ġurnata tat-8 ta' Settembru, 1943, l-Italja kienet ċediet mingħajr ebda kundizzjoni. Kienet grazzja kbira għal Malta.

Fl-aħħar żewġt iħdud ta' Ottubru, 1943 il-Logutenant Sir Harry Luke, kien organizza laqgħa soċjali fir-residenza tiegħu f'Dar l-Iljuni, Santa Venera, għas-suldati tal-gwerra li kienu stazzjonati Malta, jew li kienu qed jiġu rikoverati fi sptarijiet f'Malta.

Sir Harruy Luke kien dam jokkupa l-kariga ta' Logutenant Ingliż f'Malta għal tmien snin (1930 - 1938). Wara li spiċċa baqa' jiġi Malta kull tant żmien. Sir Harry kien joqgħod f'Dar l-Iljuni bħala residenza uffiċċjali. Dan il-Logutenant Ingliż rabat din id-dar ma' qalbu, speċjalment il-ġnien. L-aħħar żjara tiegħu f'Malta kienet fi żmien il-Gvernatur Sir Guy Grantham (1959 - 1962).

Fis-17 ta' Diċembru, 1943, miet l-Arċisqof ta' Malta Dom Mauro Caruana. Dom Mauro Caruana kien waqqaf il-parroċċa ta' Santa Venera fl-4 ta' Settembru, 1918. Mons. Mauro Caruana jinsab midfun fil-knsija ta' San Girgor ġewwa Tas-Sliema.

Dom Mauro Caruana (1867 - 1943) kien midħla ħafna ta' l-Istitut ta' San Ġużepp f'Santa Venera.

Kien ikkonsagra l-kappella ta' dan l-istitut fl-14 ta' Mejju, 1916. Fis-16 t'Ottubru, 1919, kien ikkonsagra wkoll il-kappella ddedikata lill-Qalb ta' Ġesù, fil-Konservatorju Adelaide Cini, f'Santa Venera wkoll.

Tagħrif minn Joseph Giorgio (Ħal Qormi)